**16 ta' Lulju, 1960**

**Imħallfin:—**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D. A/President;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.;**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Il-Maestà tar-Reġina

*versus*

Alfred sive Effie Borg

**Att tal-Akkuża — Nullità — Rinviju tal-Atti tal-Kumpilazzjoni — Rinunzja.**

*Jekk l-Attorney General jiddeċidi li ma jqiegħedx lill-akkużat taħt att tal-akkuża, u għaliekk jibgħat l-atti tal-kumpilazzjoni lill-Qorti tal-Maġistrati biex tiddeċidi l-kawża hija stess skond it-termini tar-rinviju; u mbgħad il-Qorti tal-Maġistrati tiddikjara ruħha nkompetenti li tieħu konjizzjoni tar-reat, u tordna r-rinviju mill-ġdid lill-Attorney General; u mbgħad il-Qorti tal-Appell Kriminali, fuq appell tal-akkużat, tikkonferma d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrat għal dak li jirrigwarda l-kompetenza, imma tirriformaha kwantu għall-ordni tar-rinviju, billi tordna li l-proċess jerġa jmur quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati għalbiex tipproċedi fis-sens li tittrasforma ruħha mill-ġdid f'Qorti ta' Istruzzjoni Kriminali fuq l-imputazzjoni ta' kompetenza superjuri kontenuta fir-rinviju tal-Attorney General, u mbgħad, wara li terġa tagħlaq il-kumpilazzjoni, issegwi, skond dak li jirriżulta, xi waħda mill-proċeduri ndikati mil-liġi; ir-reat dedott kontra l-akkużat jibqa' dejjem l-istess kif oriġinarjament dedott kontra tiegħu, u la żdied u lanqas tnaqqas; u minn dan kollu ma tista' tiġi deżunta ebda rinunzja da parti tal-Attorney General għall-akkuża ta' dak ir-reat kontra l-istess akkużat.*

*Konsegwentement, mhix attendibbli, f'każ simili, l-eċċezzjoni li l-att tal-akkuża huwa null minħabba rinunzja tal-Attorney General.*

Il-Qorti:— Rat l-att tal-akkuża nru. 31/1960;

Rat in-nota tal-akkużat, li biha eċċepixxa n-nullità tal-att tal-akkuża fuq il-motiv li dan ma ġiex preżentat fiż-żmien li trid il-liġi; u li, f'kull każ, l-Attorney General ġa rrinunzja għal dan l-att tal-akkuża bin-nota tiegħu tal-ewwel ta' Marzu 1960;

Rat in-nota tal-Attorney General, li biha kkontesta l-eċċezzjoni tan-nullità tal-att tal-akkuża sollevata mill-akkużat;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kostitwita minn Imħallef wieħed, mogħti fit-12 ta' Lulju 1960, li bih irrimettiet l-eżami ta' din l-eċċezzjoni quddiem din il-Qorti kostitwita kolleġjalment;

Rat in-nota tal-akkużat preżentata l-lum, li biha rrestringa l-eċċezzjoni tiegħu fis-sens li l-att tal-akkuża ma setgħax jiġi preżentat, in vista li kien hemm rinunzja da parti tal-Attorney General bin-nota tiegħu tal-ewwel ta' Marzu 1960;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-Attorney General, fid-9 ta' Marzu 1960, kien irrinvija l-atti tal-kumpilazzjoni lill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja biex tiddeċidi fuq l-akkuża; u dan wara li ddikjara li ma jiqieghedx l-akkużat taħt att tal-akkuża, iżda illi kien jidhirlu li mill-kumpilazzjoni tista' tinsab ħtija ta' kompetenza tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja skond dak li hemm maħsub fl-art 2 (c) tal-Ord. XXV tal-1946 u fil-G.N. 337 tal-1940, rigward l-offerta magħmula lil John Fondacaro, lil Alfred Falzon, u lil Anthony Cassar. Fuq dak ir-rinviju, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, b'sentenza tas-26 ta' Marzu 1960, iddikjarat ruħha nkompetenti, u ordnat ir-rinviju tal-atti lill-Attorney General. Fuq appell tal-akkużat, din il-Qorti, f'sede ta' appell, b'sentenza tal-4 ta' Ġunju 1960, wara li kkonfermat is-sentenza appellata tal-Qorti Inferjuri rigward l-inkompe-

tenza, irriformatha fil-kap li bih dik il-Qorti ordnat li l-proċess jinbagħat lil'-Attorney General, irrevokat dak l-ordni, u minflok ordnat, konformement għall-art. 440 Kap, 12, illi l-proċess jiġi mibgħut lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati għalbiex tipproċedi kif intqal fl-istess sentenza, jiġifieri li tittrasforma ruħha f'Qorti ta' Istruzzjoni Kriminali mill-ġdid; u dan fuq l-imputazzjoni ta' kompetenza superjuri kontenuta fin-nota ta' rinviju tal-Attorney General għas-sens tal-art. 401 u tal-ġurisprudenza; u mbgħad, wara li terġa tagħlaq il-kumpilazzjoni skond il-liġi, issegwi, skond dak li jirriżulta, xi waħda mill-proċeduri ndikati fl-art. 413 jew l-art. 415 tal-Kap. 12, skond il-każ;

Ikkunsidrat;

Illi r-reat li bih ġie akkużat Alfred sive Effie Borg baqa' dejjem dak li oriġinarjament ġie dedott kontra tiegħu; u la żdied u lanqas tnaqqas; għalhekk mill-proċediment ma tista' tiġi deżunta ebda rinunzja da parti tal-Attorney General għall-akkuża ta' dak ir-reat kontra l-istess akkużat;

Bid-deċiżjoni fuq imsemmija ta' din il-Qorti f'sede ta' appell l-akkużat reġà ġie mqiegħed fl-istat anterjuri għar-rinviju li għamel l-Attorney General fid-9 ta' Marzu 1960, u l-Qorti Inferjuri bħala Qorti ta' Istruzzjoni Kriminali, bid-digriet tal-ewwel ta' dan ix-xahar, ordnat li l-attijet tal-kiumplazzjoni jinbagħtu mill-ġdid lill-Attorney General, bil-li dehrilha li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-akkużat jiġi mqiegħed taħt att tal-akkuża. Effettivament, l-Attorney General akkużah skond l-imputazzjoni fuq imsemmija;

Illi bir-rinviju tal-Attorney General l-akkużat ma ak-kwista ebda dritt kweżit; għaliex din il-Qorti f'sede ta' ap-pell għad-direttivi diversi, u l-proċediment segwenti sar fuq dawk id-direttivi, u bid-deċiżjoni tagħha din il-Qorti nnew-tralizzat l-effetti kollha ta' dak ir-rinviju;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiċħad l-eċċezzjoni tal-akkużat kif limitata bin-nota

U tordna li l-proċediment jitkompla skond il-liġi.